# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 1 ta' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**
**vs**
**Francis Vassallo**

**Kumpilazzjoni Nru: 420/2007**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Vassallo, ta' 48 sena u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 620958(M).

Akkuzat talli f'Apri 2007, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn LM10,000.00 ghad-dannu ta' Paul Demicoli, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq

haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn LM10,000.00 ghad-dannu ta’ Paul Demicoli.

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil-akkuzat ghall- hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

- 293, 294 u 310(1)(a);
- 308, 309 u 310(1)(a);
- 183 u 184;
- 189; u
- 17, 18, 23 u 31.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li f’l-udjenza mizmuma nhar l-24 ta’ Marzu 2010 l-parte civile Paul Demicoli ddikjara b’gurament li l-proceduri civili li kien hemm bejnu u l-

imputat gew transatti, li hu hafer lill-imputat, li ken qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kull fejn din kienet rinunzjabbli u li hu ma kienx ghad kellu aktar interess f'l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illil-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk jirrizultaw sodisfacjentement pruvati kif dedotti.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu u min-naha l-ohar hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat u l-parte civile transigew il-pendenzi li kien hemm bejniethom u li l-parte civile m'ghandx ghandu interess f'l-ezitu ta' dawn il-proceduri[1]. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li waqt is-sottomissjonijiet dwar il-piena kien hemm qbil bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni li l-Qorti tista tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 fil-konfront ta'l-imputat. Finalment hadet in konsiderazzjoni ukoll il-piena stabbilita f'l-artikoli tal-Ligi relevanti fiz-zmien li sehhew r-reati u cioe fis-sena 2007.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 189, 283, 284, 308, 309 u 310(1)(a)[2], fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

[1] Ghal kull buon fini ilk-Qorti tirrileva li l-imputat huwa mizzewweg lil oht l-parte civile.
[2] Dejjem b'referenza ghal dak li kienu jipprovdu fis-sena 2007.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**